# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 24**

**Citazzjoni numru 238/01/SM**

**Jimmy Agius**

**vs**

**Carmen Cassar**

**Il-Qorti,**

**Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata 26 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha l-attur ippremetta s-segwenti:**

1. **Peress illi permezz ta' l-avviz Nru 983/00 fl-ismijiet Jimmy Agius kontra Carmen Cassar, l-attur kien talab li din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna u tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltija (LM1000) rappresentanti valur ta' ghoxrin kambjala li maturaw u skadew rispettivament fil-15 ta' Novembru 1998 (Dok. A); 15 ta' Dicembru 1998**

**(Dok. B); fil-15 ta' Jannar 1999 (Dok. C); 15 ta' Frar 1999 (Dok. D); 15 ta' Marzu 1999 (Dok. E); 15 ta' April 1999 (Dok. F); 15 ta' Mejju 1999 (Dok. G); 15 ta' Gunju 1999 (Dok. H); fil-15 ta' Lulju 1999 (Dok. I); fil-15 ta' Awissu 1999 (Dok J); fil-15 ta' Settembru 1999 (Dok. K); fil-15 ta' Ottubru 1999 (Dok L); fil-15 ta' Novembru 1999 (Dok. M), fil-15 ta' Dicembru 1999 (Dok. N); fil-15 ta' Jannar 2000 (Dok. O); fil-15 ta' Frar 2000 (Dok. P); fil-15 ta' Marzu 2000 (Dok. Q); fil-15 ta' April 2000 (Dok. R); fil-15 ta' Mejju 2000 (Dok. S) u fil-15 ta' Gunju 2000 (Dok. T) ilkoll debitament accettati u mhux imhallsa u li kopja taghhom hawn qeghda tigi annessa flimkien ma l-ispejjes u bl-interessi legali bit-8 fil-mija (8%) mid-data tall-iskadenza ta' kull wahda rispettivament sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li kienet wkoll ingunt sabiex tixhed u ghas-subizzjoni;**

**2. Peress illi l-kawza giet imhollija ghan-notifika tal-partijiet u ghall-provi tal-partijiet ghat-12 ta' Jannar 2001;**

**3. Peress illi kif jirrizulta mill-kopja tas-sentenza hawn annessa u markata bhala Dok. A, l-attur la deher ghas-seduta tat-12 ta' Jannar 2001 u ghall-ebda seduta ohra precedenti;**

**4. Peress illi kif jirrizulta mill-atti tal-kawza in konnessjoni ma l-Avviz Nru. 983.00 u cioe' mill-process, ghalkemm il-konvenuta kienet giet debitament notifikata, l-attur qatt ma kien notifikat bis-smiegh tal-kawza;**

**5. Peress illi permezz tas-sentenza aktar il-fuq citata din il-Qort tal-Magistrati (Malta ) decidiet billi liberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju;**

**6. Peress illi s-sentenza giet bazata fuq il-fatt ta' nuqqas ta' attendenza da parti ta' l-attur fil-gurnata hin u lok appuntat;**

**7. Peress illi l-attur ma seta qatt ikun presenti stante illi qatt ma gie notifikat bl-appuntament ghas-smiegh tal-kawza u ghalhekk l-attur huwa ntitolat li jitlob li l-kaz jigi ritrattat a tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhix:**

**1. Thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-avviz Nru. 983/00 fl-ismijiet Jimmy Agius u Carmen Cassar tat-12 ta' Jannar 2001, billi din id-decizjoni tmur kontra d-desposizjonijiet ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. Tordna li jerga jsir is-smiegh mill-gdid ta' l-avviz aktar il-fuq precitat u dan taht dawk il-provedimenti li jidhru xierqa u opportuni skond il-ligi;**

**3. Bl-ispejjes kollha, nkluz tal-presenti proceduri, kontra Carmen Cassar bl-interessi relattivi skond il-ligi li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur datata s-26 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha bil-gurament tieghu kkonferma:**

**1. Illi permezz ta' l-avviz Nru 983/00 fl-ismijiet JimmyAgius konra Carmen Cassar, l-attur kien talab li din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna u tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltija (LM1000) rappresentanti valur ta' ghoxrin kambjala li maturaw u skadew rispettivament fil-15 ta' Novembru 1998 (Dok. A); 15 ta' Dicembru 1998 (Dok. B); fil-15 ta' Jannar 1999 (Dok. C); 15 ta' Frar 1999 (Dok. D); 15 ta' Marzu 1999 (Dok. E); 15 ta' April 1999 (Dok. F); 15 ta' Mejju 1999 (Dok. G); 15 ta' Gunju 1999 (Dok. H); fil-15 ta' Lulju 1999 (Dok. I); fil-15 ta' Awissu 1999 (Dok J); fil-15 ta' Settembru 1999 (Dok. K); fil-15 ta' Ottubru 1999 (Dok L); fil-15 ta' Novembru 1999**

**(Dok. M), fil-15 ta' Dicembru 1999 (Dok. N); fil-15 ta' Jannar 2000 (Dok. O); fil-15 ta' Frar 2000 (Dok. P); fil-15 ta' Marzu 2000 (Dok. Q); fil-15 ta' April 2000 (Dok. R); fil-15 ta' Mejju 2000 (Dok. S) u fil-15 ta' Gunju 2000 (Dok. T) ilkoll debitament accettati u mhux imhallsa u li kopja taghhom hawn qeghda tigi annessa flimkien ma l-ispejjes u bl-interessi legali bit-8 fil-mija (8%) mid-data tall-iskadenza ta' kull wahda rispettivament sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li kienet wkoll ingunt sabiex tixhed u ghas-subizzjoni;**

2. **Illi l-kawza giet imhollija ghan-notifika tal-partijiet u ghall-provi tal-partijiet ghat-12 ta' Jannar 2001;**

3. **Illi kif jirrizulta mill-kopja tas-sentenza hawn annessa u markata bhala Dok. A, l-attur la deher ghas-seduta tat-12 ta' Jannar 2001 u ghall-ebda seduta ohra precedenti;**

4. **Illi kif jirrizulta mill-atti tal-kawza in konnessjoni mal-Avviz Nru. 983/00 u cioe' mill-process, ghalkemm l-konvenuta kienet giet debitament notifikata, l-attur qatt ma kien notifikat bis-smiegh tal-kawza;**

5. **Illi permezz tas-sentenza aktar il-fuq citata din l-Qorti tal-Magistrati (Malta) decidiet billi liberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju;**

6. **Illi s-sentenza giet bazata fuq il-fatt ta' nuqqas ta' attendenza da parti ta' l-attur fil-gurnata, hin u lok appuntat;**

7. **Illi l-attur ma seta qatt ikun presenti stante illi qatt ma gie notifikat bl-appuntament ghas-smiegh tal-kawza u ghalhekk l-attur huwa ntitolat li jitlob li l-kaz jigi ritrattat a tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

8. **Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk it-talbiet jigu ppruvati (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fl-20 ta’ Frar tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**